# <u>Tribunal Industrijali</u>

# <u>Decizjoni Nru. 1674</u>

Kaz Nru. 2230/AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Tatiana Cauchi Savona
u
Esther Vella proprio u ghan-nom u
in rapprezentanza ta' Les Estels Ltd

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

Illum il-Hamis 23 ta' Frar 2006

**<u>Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana</u>**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Rikors fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Tatiana Cauchi Savona mill-Avv. Dr. Massimo Vella fejn qieghed jghid illi t-tkeccija mill-impieg ma kienetx gustifikata u mhux valida fil-ligi. Is-Sinjura Tatiana Cauchi Savona aktar 'l quddiem tissejjah l-appellanti kienet assistita mill-Avv. Dr. Massimo Vella. Is-socjeta appellata aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta kienet rapprezentata mis-Sur Felix Schembri, *General Manager,* assistit mill-Avv. Dr. Andrew Borg-Cardona.

It-Tribunal zamm hames seduti.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

Illi l-appellanti kienet impjegata mas-socjeta appellata bhala *"helper carer"* fuq kuntratt indefinit b'effett mill-10 ta' Novembru 2003.

Illi l-esponenti ghall-habta ta' April 2004 kienet harget tqila, izda sussegwentement minhabba komplikazzjonijiet fit-tqala l-esponenti sofriet *miscarriage.*

Illi l-esponenti, tul it-tqala taghha u wara l-imsemmi *miscarriage, kien jehtigilha tiehu xi granet leave* senjatament bejn it-13 ta' Mejju 2004 u s-27 ta' Mejju 2004 u dana minhabba u in konnessjoni ma l-istess tqala.

Illi fit-2 ta' Settembru 2004 l-esponenti qamet ma tiflahx u mhux fi stat li tirraporta ghax-xoghol u din il-kondizzjoni kienet relatata mal-*miscarriage* li kienet ghadha kif ghaddiet minnu. Ghalhekk, l-esponenti cemplet sabiex tinforma lill-intimata proprio et nomine li ma setghetx tmur ghax-xoghol dik il-gurnata.

Illi mandanakollu s-Sur Mario Sammut rapprezentant ta' l-intimata proprio et nomine waqt l-imsemmija telefonata informa lill-esponenti li ma ried jikkoncedilha ebda *leave* u informaha li jekk ma kienetx ser tirraporta ghax-xoghol din kienet ser titkecca.

Illi l-esponenti effettivament ma rraportatx ghax-xoghol dakinhar billi, kif inghad ma kienetx fi stat li tohrog mid-dar. Hekk kif mhedded, l-intimata proprio et nomine itterminat l-impieg ta' l-esponenti b'effett immedjat.

Is-socjeta tghid illi l-appellanti kienet tahdem fuq bazi *part time.* F'xi zmien bdiet turi car illi ma kelliex interess fix-xoghol taghha, peress illi kienet tassenti ruha mix-xoghol minghajr pre-avviz, b'dan illi l-intimati kien ikollhom problema biex jaghtu s-servizz li kienet taghti l-appellanti u li kienet tonqos milli taghti gieli anke

b'hames minuti pre-avviz minn meta kellha tibda x-xoghol. Darba minnhom, l-appellanti quddiem xhieda wriet illi ma rieditx tikkoopera meta giet assenjata certi hinijiet tax-xoghol u rrejagiet illi ma kenitx bi hsiebha tpaxxi lill-imghallem ghal lira u nofs fis-siegha.

Illi fi kwalunkwe kaz it-tip ta' xoghol li kienet taghmel ma kienx addattat ghall-appellanti minhabba l-istat ta' sahha taghha

**Xhieda**

Xhud is-Sur Felix Schembri, *General Manager,* qal illi l-appellanti hadmet sena mas-socjeta u kienet bhala *part-time*. Ghal bidu kienet tahdem tajjeb, kienet fuq shift bhala *Carer.* Meta kienet harget tqila kien sejhilha l-ufficcju u qallha biex toqghod attenta ghax ix-xoghol huwa ta' tqandil u qallha illi ahjar tieqaf ghal ftit sakemm ikollha l-*baby.* Qal illi hi baqghet tahdem. Meta kienet tkun *sick* kienu jibghatulha t-tabib tal-kumpanija Dr. Mario Grixti.

Kellha *miscarriage,* wara li dahlet ghax-xoghol kien qallha ara x'ha taghmel ghax ma ghandix xoghol alternattiv. Ix-xoghol huwa kollu ta' tqandil u hu mhux responsabbli jekk jigrilha xi haga. Ix-xoghol ta' *Carer* hu responsabbli hafna u billi huma socjeta zghira ma hux possibli li tahdem meta jkollok *Carer* nieqsa.

Fl-ahhar ra li ma kienitx responsabbli bhal ma kienet fil-bidu. Kienet iccempel li ma hix se tattendi ghax-xoghol ghaxar minuti qabel ma tibda x-xoghol. Qal illi r-raguni li waqqafha l-ewwel dwar illi kienet tghid illi qed tipprova biex ikollha t-tfal biex tkun tqila u trid terfa u t-tieni wara li kellha l-korriment ma baqghetx responsabbli kif kienet qabel.

Mistoqsi jekk juzawx procedura ta' "*warnings"* ix-xhud qal illi jipprova ma jaghtix *warning* jipprova ikellem l-impjegati kemm jista' jkun personali. Lill-appellanti *warnings* taghha verbalment.

Xhud is-Sur Mario Sammut, *Duty Manager,* qal illi x-xoghol kienet taghmlu pero ikun hemm drabi fejn kienet tigi ghax-xoghol daqqa mugugha, daqqa ma tiflahx tahdem u shaba dejjem igorru ghax ikunu iridu jaghmlu x-xoghol taghha. Kienet tohloq problema ghax ma jkunx facli li ssib lil min jista' jidhol f'hin qasir ta' avviz.

Meta spiccat minn maghna dakinhar kienet cemplet bejn is-saghtejn u nofs forsi t-tlieta nieqes kwart u qaltlu li ma hix gejja ghax-xoghol ghax ma tiflahx u qallha, ha toqghod sejra hekk kull darba ma tiflahx? Qallha ipprova idhol bil-kelma t-tajba, qallha jekk inti m'intix gejja llum, tista' ma tigix iktar, qaltlu le ma nigix u qabdet u qatghatlu t-telefon.

L-appellanti cemplet xi ftit wara u staqsietu meta jkun hemm is-Sur Schembri biex tghidlu halli jlestilha l-applikazzjoni li hi spiccat.

Xhud Dr Mario Grixti MD qal illi hu ghandu l-inkarigu li jivverifika l-impjegati meta jirraportaw bis-*sick leave*. Meta sar jaf illi l-appellanti kienet tqila kien avza lill-*management* sabiex jaraw jekk hux possibli li jaghtuha xi *light work* minhabba s-sitwazzjoni taghha. Ix-xoghol taghha hu ta' strapazz, tqandil, hasil, u rfieh ta' pazjenti.

Mistoqsi mid-difensur ta' l-appellanti jekk kienx raha wara li kella *l-miscarrage,* qal li qatt ma raha wara *l-miscarrage.*

Xhud Ms Dorienne Bonavia, *Carer,* qalet li kienet taf li l-appellanti qed tipprova li tohrog *pregnant* u kienu kemm jista' jkun jghinuha. Qalet illi tiftakar li kienu qeghdin fl-i*staff-room* u l-*management* talabha biex tidhol f'xi gurnata partikulari u hi ma rieditx taccetta li tidhol f'dik il-gurnata u qalet, ma rridx impaxxih nidhol ghal lira u nofs.

Xhud is-Sur Paul Busuttil, *Principal gol-legal office tal-Maltacom,* irrisponda mistoqsijiet dwar it-telefonati li saru fl-14 ta' Gunju 2004 u fit-2 ta' Settembru 2004 minn fuq zewg linji 221187 u 804299 it-tnejn fuq l-isem Marcello Cauchi Savona.

Xhud l-appellanti qalet illi fit-2 ta' Settembru kienet mugugha hafna kienet marret tistrieh izda l-ugieh ma ghaddiex. Ix-xoghol kien fit-tlieta, ghal xi saghtejn nieqes ghoxrin cemplet ix-xoghol biex tavza li ma tistghax tidhol, kelmet lis-Sur Sammut u qallha illi jekk ma tidholx il-lum tista' ma tidholx ghax-xoghol izjed. Kull meta kienet ma tiflahx kienet tinfurmhom xi siegha qabel u qatt ma kellha problemi.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellanti kienet impjegata mas-socjeta ntimata bhala *Carer* u kienet ilha madwar sena, l-impieg taghha kien *part-time* b'sistema ta' *shift*.

Is-socjeta hija *"Home"* li tiehu hsieb l-anzjani. Xoghol l-appellanti kien ta' *Carer* li trid tiehu hsieb l-anzjani billi jigu mqandla skond il-bzonnijiet, jinhaslu regulari, jingarru permezz ta' *wheel-chairs* u bzonnijiet ohra li fin-natura taghhom kollha huma ta' strapazz.

Is-socjeta tghid illi l-appellanti giet imwaqqfa mix-xoghol taghha ghal dawn ir-ragunijiet, illi kienet tfalli mix-xoghol spiss ghax tkun ma tiflahx, li l-ewwel kienet tqila u wara ghax kellha *miscarriage,* illi meta regghet bdiet tahdem wara l-*miscarrage* kienet xorta wahda iccempel li ma tiflahx ghax qalet li baqghet tbati mill-effett tal-*miscarrage.* Kull meta kienet iccempel li ma tistghax tattendi ghax-xoghol ghax ma tiflahx kienet iccempel fl-ahhar hinijiet qabel il-hin tax-*shift* taghha. Is-socjeta tghid illi minhabba li kienet iccempel tard kienu jsibu diffikulta kbira biex f'hin hekk qasir isibu sostituta ohra biex taghmel il-hin taghha. Hafna drabi kien ikollhom jghajnu l-*management* stess biex ilehqu mal-bzonnijet ta' l-anzjani.

Punti illi resqet is-socjeta dwar it-twaqqif ta' l-appellanti mix-xoghol kien illi wara li kellha l-*miscarrage* ma baqghetx taghti l-istess xoghol li kienet taghti fil-bidu ta' l-impieg taghha. Kienet skond is-socjeta turi nuqqas ta' hegga.

Ix-xoghol ta' *Carer* hu xoghol ta' natura strapazzanti hafna, mod partikulari ghal kull min ikun *pregnant* u jew ikun irid illi jkollu tarbija. Dan huwa x-xoghol li ghandha x'toffri s-socjeta appellata. Hu fatt illi l-ligi tahseb ghal dawk in-nisa li jkunu se jkollhom it-tfal, jezisti l-*maternity leave* u kundizzjonijiet ohra li jirrigwardjaw din il-materja. Il-fatt f'dan il-kaz huwa mhux ghax is-socjeta naqset li tosserva dak li tghid il-ligi imma ghax l-appellanti fil-kaz taghha kienet illi qed tfalli ghax kienet qed tkun mugugha minhabba effetti kkagunati mill-*miscarrage* kif xehdet l-appellanti, *"kont mugugha hafna rigward li kien ghad baqa tal-baby"*

L-appellanti ma kienetx ilha hafna fl-impieg mas-socjeta imma hija persuna matura bizzejjed biex tgharaf illi meta c-cempel li ma tiflahx ghandha tara li ma tohloqx disturb fis-sistema tax-xoghol u anki tbatija ghall-istess kollegi taghha li jkollhom jaghmlu dak li normalment kienet se taghmel hi. Is-socjeta hi wahda zghira hafna u nuqqas ta' persuna wahda f'numru zghir ta' impjegati jaghmel hafna effett.

Is-Sur Felix Schembri qal illi kien kellimha dwar il-kundizzjoni personali taghha u kien anki ta parir qabel ma kellha l-*miscarrage* biex tieqaf izda xorta kompliet tahdem. F'kaz iehor anki kien ta *verbal warning* minhabba l-ittardjar ta' meta iccempel. Biex b'xi mod jghinha kien gieli bidillha x-*shift* minn filghodu ghal filghaxija peress illi jkun ta' hafna anqas strapazz u tqandil.

Kien fit-2 ta' Settembru 2004 meta l-appellanti cemplet wara s-saghtejn u nofs u kelmet lis-Sur Mario Sammut, *Duty Manager,* meta kellha tibda x-xoghol fit-tlieta u qaltlu,´"ma nistax nigi ghax ma niflahx" appellalha biex tipprova tidhol u qaltlu, *"le qed nghidlek m'inix gejja"* qallha, *"jekk m'intix gejja llum, tista' ma tigx aktar'*

u qabdet u qatghetlu t-telefon. Wara xi ftit cemplet u staqsietu meta jkun hemm is-Sur Schembri biex tghidlu jlestilha l-applikazzjoni li spiccat.

Il-*management* ma hax passi kontra l-agir ta' l-appellanti mill-ewwel tant illi kull fejn seta' ghenha bhal meta gieli bidillha x-*shift* minn filghodu ghal filghaxija biex jevitalha ftit mit-tqandil. L-appellanti kienet iccempel fl-ahhar hinijiet qabel ma jibda x-*shift* meta kienet taf li ma hix qed tikkopera mal-*management*. Kien hemm okkazzjoni fejn is-Sur Schembri kellimha u fehmha dwar il-fallimenti.

It-Tribunal jara illi l-appellanti kellha kull cans li timxi mal-proceduri tas-socjeta billi ma tkunx ta' ostakolu kull meta ccempel li ma tiflahx, ukoll illi wara l-*miscarrage* ma kienitx responsabbli bhal ma kienet fil-bidu.

**Decizjoni**

l-Tribunal Industrijali ra l-istqarrija tal-kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodotta, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija ta' l-appellanti mill-impieg kienet gusta u sufficjenti.

Ghal fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(ft) Alphonse Caruana**
**Chairman**

**VERA KOPJA**

**Monica Seychell**
**A/Segretarja**